# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 481/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur James Grech)**

**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**George Tabone**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2019.

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, George Tabone, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 480959M f'ismu proprju u/jew ghan-nom tas-socjetajiet Gram Collections Ltd, Gram Jewellers Ltd u Gram Holdings Ltd. kollettivament jew ghan-nom ta' xi wahda jew iktar minnhom it-tlieta, talli f'dawn il-Gzejjer matul ta' Awissu, 2011, u/jew fix-xhur ta' wara:

1) xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg, cioe' gojjellerija li tiswa iktar minn elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha

w tletin centezmu (€2323.37), liema gojjelerija kienet misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghha jew imexxiha;

2) ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula;

F'kaz ta' htija, il-Qorti kienet mitluba sabiex, b'zieda ma kull kastig li jista' jinghata lill-hati u b'zieda ma' kull penali li jista' jehel korp maghqud taht d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 121D tal-Kap 9, tordna konfiska favur il-Gvern tar-rikavat mir-reat addebitat, jew ta' dik il-propjeta' li l-valur taghha jikkorrispondi ghall-valur ta' dak ir-rikavat sew jekk dak ir-rikavat gie ricevut minn min ikun insab hati sew jekk mill-korp maghqud imsemmi fl-imsemmi artikolu 121D.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-14 t' Ottubru, 2015 li biha ddikjarat lill-imputat mhux hati u illiberatu mill-ewwel imputazzjoni u konsegwentement wkoll mit-tieni li ipotizzat r-recidiva. Ordnat t-thassir ta' kull ordni maghmul u vigenti taht l-Artikolu 23A tal-Kap 9. Ordnat permezz tar-Rigistratur ta' dawn il-Qrati l-kancellament tieghu mir-Registru Pubbliku u r-relattiva publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u dan appena din is-sentenza issir 'res gudikata';

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 2016, li permezz tieghu talab lil din

il-Qorti joghgobha **tirrevoka** s-sentenza appellata u minflok tghaddi sabiex issib lill-appellat hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u tinfliggi l-piena skond il-ligi relevanti u li tkun gusta u adegwata ghac-cirkostanzi;

Rat l-aggravji tal-Avukat Generali;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma li waqt li l-pulizija kienet qed tinvestiga serqa ta' ammont sostanzjali ta' gojjellerija in eccess ta' hames mitt elf euro minn hanut gewwa l-Belt Valletta identifikat tlett persuni bhala dawk responsabbli u wara li wiehed minnhom kien misjub hati tal-istess, kien stqarr mal-Pulzija illi kien biegh sehemu u sehem ibnu lill-appellat. Fuq din l-informazzjoni il-Prosekuzzjoni ressqet lill-appellat biex iwiegeb ghar-reat ta' ricettazzjoni izda l-ewwel Qorti ma sabitx htija fih u lliberatu;
2. L-Avukat Generali jillanja din is-sentenza bil-gravam singolari li l-liberazzjoni tal-appellat kienet dovuta ghall-apprezzament zbaljat tal-provi mill-ewwel Qorti. Aggravju dan li jirrikjedi ezami mill-gdid u approfondit tal-provi li ghandu jwassal lil din il-Qorti tiddeciedi jekk l-ewwel Qorti qabilha setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha;
3. Illi l-appellat huwa imputat bir-reat ravvizat fl-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali li jipotizza htija f'"**Kull min f'Malta, xjentement jilqa' ghandu jew jixtri hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta,**

**jew xjentement, b'kull mod li jkun, jindahal biex ibieghhom jew imexxihom....**". Dwar l-elementi ta' dan ir-reat diversi huma s-sentenzi tal-Qrati taghna li ezaminaw l-istess b'mod approfondit. Per ezemplari ssir referenza ghad-decizzjoni ricenti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Daniel Farrugia tal-31 ta' Mejju, 2017, fejn din il-Qorti per Onor. Imhallef Edwina Grima, ghamlet in rassenja ezami ezawrjenti, studjat u erudit ta' kull wiehed mill-elementi kostituttivi skond l-Antolisei (Francesco Antolisei – Manuale d Diritto Penali (Parte Speciale I). U din il-Qorti tirreferi pjenament ghall-dan l-insenjament;

4. Fil-kaz odjern, izda, ma huwiex mehtieg skrutinju dwar jekk jirrizultawx l-elementi tar-reat ghaliex, ad ezempju saret id-debita prova li kien hemm serqa tal-oggetti allegatament ricettati. Saret ukoll id-debita identifikazzjoni kif ukoll il-valutazzjoni tal-oggetti misruq (Il-Pulizija vs Diego Grixti et – App Krim 211/08 – 1.12.2008)., jew jekk l-imputat kienx jaf jew messu kien jaf li l-oggetti ricettati kienu provenjenti mis-serq jew mod illecitu iehor. Dan ghaliex il-kaz tal-prosekuzzjoni kien mibni fuq informazzjoni moghtija mill-persuna li serqet il-gojjellerija filwaqt illi fi hwejjeg l-appellat ma nstabet ebda tracca jew hjiel ta' dawn l-oggetti u ghalhekk huwa kaz mibni fuq dikjarazzjoni ta' dak li seraq kontra ic-cahda ta' min allegatament irricetta l-oggetti;

5. Ghal din is-serqa kienu responsabbli tlett persuni. Wiehed minnhom certu Glenn Debattista akkumpanjat minn ibnu Ryan Debattista. Glenn Debattista irrakkonta kif wara s-serqa it-tlieta li huma ddividew il-gojjelli bejniethom u hu mar ibiegh sehemu fi tlett okkazzjonijiet lill-appellat. Meta ra lill-ibnu qed jittanta ibigh is-sehem tieghu lill-diversi persuni kien gwidah li dak ma kienx il-mod kif jipprocedi u ghalhekk biegh is-sehem ta' ibnu ukoll lill-appellat. Fir-rakkont tieghu lill-Pulizija u lill-ewwel Qorti, Glenn Debattista ddeskriva kif kull darba kien imur ghand l-appellat u jintalab jistenna sakemm jintefa id-Digital Video Recorder tal-

hanut minn fejn imbaghad kien jipprocedi tramite garigor u jsib ruhu fl-ufficcju tal-appellat fejn ghandu ritratt ta' persuna distinta u hemm kienet issir valutazzjoni tal-oggetti u jithallas in kontanti minnufih mill-impjegata tal-appellat;

6. L-appellat u l-impjegati tieghu jinnegaw dan kollu izda fl-istess waqt il-prosekuzzjoni ressqet provi biex turi li id-DVR kien jintefa madwar 40 darba f'medda ta' mitejn jum, fejn allura tithassar kull registrazzjoni li tkun saret fuqu hlief ghall-fatt li tibqa' registrata id-data ta' meta jkun rega' inxteghel anke jekk id-data tkun hazina ghaliex l-apparat kull darba jerga jmur ghad-data ssettjata mill-fabbrika. Isegwi ukoll illi wara xi zmien, dan id-DVR kien instab gewwa bagoll ta' vettura ta' persuna rrapurtata nieqsa u li dwarha kienet infethet Inkjesta bil-Magistrat;

7. Wahda mill-impjegati tal-appellat kienet arrestata in rigward u ddikjarat li qatt ma rat lil Glenn Debattista qabel wisq anqas fil-hanut tal-appellat jew li dan tal-ahhar qatt ghamel xi negozju mieghu fil-hanut fil-presenza taghha. L-appellat iddikjara illi f'dak iz-zmien kien impenjat f'diversi hwejjeg tan-negozji tieghu, l-aktar fil-media u fit-twaqqif ta' restaurant gewwa il-Belt u ftit kien ikun gewwa l-hanut tad-deheb tieghu. Huwa ma kienx jaf bil-kwistjoni li qed jintefa id-DVR izda wara sar jaf li wahda mill-adetti tieghu li mieghu tipprezenta xi programm fuq il-media kienet titfih hi biex tbiddel hwejjigha proprju minhabba il-programm u gieli hallietu mitfi ukoll. Din xehedet ukoll b'dan il-mod quddiem l-ewwel Qorti;

8. L-istess appellat iddikdjara illi kien jaf lil-missier il-persuna dikjarata nieqsa li kellu taxi u kien iqabbad lill-ibnu meta kien mehtieg xoghol ta' trasport anke ghaliex kien ilu jaf lill-missieru. F'okkazzjoni minnhom, kien wassal lilu u lil familja tieghu l-ajruport meta dan kellmu dwar il-kaz li xxandar fuq il-media u offrietlu li jsewwilu id-DVR u kien b'hekk li dan spicca fil-bagoll tal-vettura tieghu;

9. L-ilment tal-Avukat Generali hu li l-ewwel Qorti ma kellhiex ghaliex tiddubita mill-verzjoni ta' Glenn Debattista u li d-domandi li ghamlet l-istess Qorti dwar il-veracita' o meno tax-xhieda tieghu kellhom iwasslu biex temmen lil dan u mhux lill-appellat;

10. L-ewwel Qorti ddikjarat li waslet ghad-decizzjoni taghha li tqis li Debattista ma kienx kredibbli fuq inkonsistenzi tieghu stess u tat xi ezampji ta' meta kien inkonsistenti u wara li ezaminat il-fedina penali xejn edifikanti tieghu;

11. Din il-Qorti ezaminat b'mod minizzjuz il-provi kollha kompilati u jkollha tistqarr illi bhall-ewwel Qorti qabilha, issibha ferm u ferm difficli temmen il-verzjoni ta' Glenn Debattista aktar u aktar ghaliex il-prosekuzzjoni strahet kompletament fuq l-informazzjoni tieghu li wisq drabi tlissen dubji serji. Debattista jiddeskrivi kif mar ghand l-appellat erba' jew hames darbiet biex ibieghlu il-gojjelli u jispjega ghaliex. Jghid illi l-ewwel darba tah prezz baxx u li kieku hadlu l-gojjellerija f'salt wiehed kien jispicca bi ftit flus mentri l-esperjenza tghidlu li hekk ghandu jimxi. Jghid li bil-prezz li tah l-ewwel darba kien seraqlu l-oggetti ahseb u ara kieku tah kollox f'daqqa. Minkejja dan, xorta rega' mar mhux darba izda erba' darbiet ohra ghandu. Jghid ukoll illi fil-kaz tas-sehem ta' ibnu mar ghand l-appellat darba wahda u tajjeb li jkun osservat illi skond ix-xhud kif ukoll skond ibnu, it-tlieta li huma hadu sehem indaqs. Dwar dan, l-abbli avukat difensur tal-appellat staqsa ghaliex fil-konfront ta' ibnu tah dan il-parir meta ghar-rigward ta' sehemu bieghu ftit ftit u x-xhud baqa ma wegibx ghal dan il-kwezit;

12. L-istess Glenn Debattista jghid illi mar ghand l-appellat biex ibiegh is-sehem ta' ibnu meta ibnu jghid li kien biegh sehmu lill-missieru. F'dik l-okkazzjoni jghid li ibnu mar mieghu izda qaghad isfel meta ibnu jghid li qatt ma mar ma' missieru ghand l-appellat u li kien missieru li qallu li biegh il-gojjellerija lill-appellat;

13. Debattista jghid li l-ewwel darba li mar ghand l-appellat kien inghata €6500. Apparti li drabi ohra jghid €5000, jghid ukoll illi b'dawn il-flus kien xtara vettura li uzaha biex jaghmel serqa ohra. Il-Prosekuzzjoni ma segwitx din l-informazzjoni u ma ressqitx il-prova tax-xiri ta' din il-vettura jew tal-hlasijiet li qal li ghamel meta mar Ghawdex. Lanqas ma ressqet lil hu l-appellat biex jikkonferma li Glenn Debattista jghid li laqghu kull darba li mar il-hanut u cempel lil huh (l-appellat) biex jghidlu b'Debattista;

14. Il-Pulizija ma sabet ebda tracca tal-oggetti mibjugha u wisq anqas f' forma ta' ness iehor bejn Debattista u l-appellat bhala xi numri tat-telefon tant li Debattista lanqas biss jaf in-numru tal-appellat. Quddiem il-Magistrat Inkwirenti Debattista jghid li xtara vettura bl-ewwel konsenja ta' flus izda quddiem l-ewwel Qorti qal li ma jafx x'ghamel bil-flus;

15. It-tielet allegat komplici fis-serqa kien informa lill-Pulizija illi sabiex ibigh il-gojjellerija, Debattista hadu ghand diversi hwienet izda mhux dak tal-appellat u dan meta l-istess Debattista xehed illi kien intervjena meta ra lill-ibnu jittanta ibigh lil diversi persuni ghaliex b'hekk ikun qed jaghmel hazin (naturalment ghaliex huwa aktar facli li jinqabad);

16. Mistoqsi ghaliex Debattista ippunta subajh lejh jghid illi possibilment ghaliex dak iz-zmien kien kostantement vizibbli fuq reklami fil-media. Il-garigor minnu deskritt fl-istabbiliment tieghu huwa ukoll vizibbli minn barra u l-informazzjoni dwar ir-ritratt tal-persuna distinta fl-ufficcju tieghu seta' gabha minghand terzi izda anke hawn zbalja, skond l-appellat, ghaliex ir-ritratt kien taht it-television tieghu u mhux kif iddeskrivieh Debattista;

17. Illi huwa bil wisq evidenti illi l-provi tal-prosekuzzjoni jaghmlu sia mill-prova diretta kif ukoll dik indizzjarja. Il-prova diretta hija soggetta ghall-incertezzi ravvizati *supra.* Fir-rigward ta' dik indizjarja, huwa palezement akkolt fil-gurisprudenza illi, "**circumstantial evidence is often the best evidence**" (R vs Taylor 21

CRM App R21 citat f'Pulizija vs Carmelo Busuttil App Krim 6.5.1961 u mhaddan fis-sentenza Pulizija vs Carmelo Ellul Sullivan App Krim 30.10.2001). "**Il-provi indizzjarji hafna darbi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' dawn iridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci**" (Il-Pulizija vs Emanuel Seisun App Krim 9.1.1998). Ugwalment ta' importanza hu s-segwenti monitu u kawtela li "**ghalkemm il-provi indizzjarji jiggeneraw certu suspett qawwi fil-konfront tal-appellant, is-suspett mhux prova**" (Pulizija vs Mark Dimech App Krim 30.4.09). Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Cyrus Engerer tat-8 ta' Mejju 2014 fejn il-Qorti ghamlet rassenja gurisprudenzjonali estensiva ta' dan l-aspett tal-prova fis-sistema penali taghna. Il-Qorti ccitat a propositu l-insenjament ta' Pollock C.B li tista' tghid jigbor fih l-ingredjenti essenzjali ghal-evalwazzjoni tal-prova indizzjarja b'tixbieha verament idonea meta jghid:

> *It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of seceral cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of quilt with as much certainity as human affairs can require or admit of.*

18. Fis-sentenza appena citata, il-Qorti gabret dan kollu f'paragrafu wiehed b'mod eccezzjonali bis-segwenti bran:

*Kwindi jidher car mill-kazistika imsemmija kif ukoll minn din il-kwotazzjoni li biex wiehed jasal li jikkonkludi li l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara* ***l-assjem*** *ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista' jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija* <u>*b'mod ragonevoli*</u> *kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita' tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita'.*

19. Applikat dan kollu ghall-kwistjoni odjerna, il-Qorti ma tarax kif tista tkun moralment konvinta illi l-kwistjoni tad-DVR u d-deskrizzjoni tal-hanut tal-appellat moghtija minn Glenn Debattista jistghu jitqiesu bhala prova univoka li tipponta f'direzzjoni wahda;

20. Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-Avukat Generali u ma tarax ghaliex ghandha tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi;

21. L-appell ghalhekk qed ikun michud.